25 ta' Novembru, 1965

Imħallef:

Onor. Dr. A. Gauci Maistre, LL.D.

Richard Vincenti Kind nomine

*versus*

Anthony Camilleri Bajada

**Kontumaċja — Art. 158/3 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Jekk fl-ewwel ġurnata li kellu jsir is-smiegħ tal-kawża l-Imħallef sedenti jiddiferixxi l-kawża għal data oħra "peress illi ser ikun hemm nota ta' astensjoni" t-terminu għall-kontestazzjoni tal-Kontumaċja huwa dak tal-ewwel ġurnata li fiha*

*kellu jsir is-smiegħ tal-kawża, indipendentement jekk il-kawża saritx jew le. Però kien ikun każ ieħor li kieku l-kawża ġiet differita qabel is-seduta.*

Il-Qorti, rat il-kwistjoni jekk il-konvenut huwiex kontumaċi jew le.

Tikkunsidra illi l-konvenut ġie debitament notifikat biċ-ċitazzjoni biex jidher fis-seduta tat-18 ta' Ottubru, 1965 liema notifika saret fl-ewwel (1) ta' Settembru, 1965. Huwa ppreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu (fol. 15) l-15 ta' Ottubru, 1965. Billi bejn il-ħmistax (15) ta' Ottubru, data tal-preżentata tan-nota tal-eċċezzjonijiet u t-tmintax (18) data li fiha kellha ssir il-kawża, kien hemm ġurnata tal-Ħadd jiġi illi l-jumejn tax-xogħol li trid il-liġi (art. 158 (3)) Kodiċi Proċedura Ċivili kienu jiskadu fil-14 ta' Ottubru, għaliex il-ħmistax (15) ta' Ottubru, kien il-Ġimgħa mentri t-tmintax (18) kien it-Tlieta, u kwindi ma kienx hemm il-minimum ta' jumejn tax-xogħol li trid il-liġi.

Il-konvenut ippretenda li l-kompitu ta' dawn il-jumejn għandu jsir b'riferenza mhux għal meta kellha ssir il-kawża imma għad-data ta' meta l-kawża ssir, u dana għaliex fit-tmintax (18) ta' Ottubru, 1965, il-kawża ma saritx billi kien hemm reġistrat fil-verbal, ġiet differita għall-15 ta' Novembru, "peress illi ser ikun hemm nota ta' astensjoni" li fil-fatt saret u tinsab a fol. 17. Fil-fehma tal-Qorti s-sottomissjoni tal-konvenut setgħet forsi jkollha xi valur kieku l-kawża ġiet differita qabel is-seduta għaliex b'dan il-mod wieħed kien jista' jgħid illi l-ewwel appuntament kien ġie annullat, imma la darba l-kawża ġiet differita fis-seduta, it-terminu għall-konstatazzjoni tal-kontumaċja huwa dak tal-ewwel ġurnata li fiha kellu jsir is-smiegħ tal-kawża, indipendentement jekk il-kawża saritx jew le skond il-kliem ċar tad-disposizzjoni tal-liġi ċitata qabel.

Barra minn dana wieħed għandu wkoll josserva illi l-Qorti ma setgħetx fl-ewwel seduta tagħti ebda ordni dwar l-isfilz jew le tan-nota tal-eċċezzjonijiet billi l-Onorevoli Imħallef sedenti ħass li ma setax jieħu konjizzjoni tal-kawża billi kienu javveraw ruħhom motivi ta' astensjoni skond il-liġi. Ma jistax allura l-konvenut japprofitta minn dina ċ-ċirkostanza biex jimmiljora l-pożizzjoni tiegħu għaliex fl-ewwel seduta ma kienx hemm ġudikant li seta' jordna l-isfilz tan-nota tal-eċċezzjoni tiegħu. Id-differimenti wara l-ewwel ġurnata tas-smiegħ tal-kawża ma jistgħux jagħtu lill-konvenut drittijiet aktar milli kellu qabel: differimenti jistgħu jingħataw għal diversi motivi fosthom anke fuq talba tal-istess konvenut, u kieku kellha tiġi aċċettata t-teżi tal-konvenut kien jiġi illi sakemm isir il-kawża wieħed qatt ma jaf jekk il-konvenut huwiex kontumaċi jew le billi kollox jiġi jiddependi minn fatt aċċidentali tad-differiment.

Għaldaqshekk tiddikjara illi l-konvenut huwa kontumaċi u tordna illi n-nota tal-eċċezzjonijiet a fol. 15 bir-relativa dikjarazzjoni tiġi sfilzata mill-proċess a spejjeż tal-konvenut.